32003R1078

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1078/2003
tas-16 ta' Ġunju 2003
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffa Komunitarja awtonoma għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarmenrt l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkonsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni [1],

Billi:

(1) Bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 2505/96 ta' l-20 ta' Diċembru 1996, li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi awtonomi Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli w industrijali [2], il-kwoti tat-tariffa tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli w industrijali kienu ġew miftuħa. Id-domanda tal-Komunità għall-prodotti agrikoli għandha tkun milħuqha permezz tal-kondizzjonijiet l-aktar favorevoli. Il-kwoti tat-tariffa tal-Komunità għandhom għalhekk ikunu miftuħa fir-rata mnaqqsa ta' dazji żero għal volumi xierqa, u miżjuda, estiżi jew itterminati fil-każi ta' ċerti kwoti ta' tariffi, waqt li jevitaw xi disturb għas-swieq f'dawn il-prodotti.

(2) Ir-Reġolament (KE) Nru 2505/2002 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(3) Waqt li tkun ikkonsidrata l-importanza ekonomika ta' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li jkunu nvokati l-bażi ta' l-urġenza referuti fil-punt I(3) tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea annessi mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2003, il-kwoti tat-tariffi elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu miżjuda ma l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2505/96.

Artikolu 2

Għall-perijodu tal-kwota mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2003, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2505/96 għandu jkun emendat kif ġej:

— l-ammont tal-kwota tat-tariffa ta' kwota 09.2902 għandu jkun stabbilit fi 20 000 unitajiet,

— l-ammont ta' kwota tat-tariffa ta' kwota 09.2935 għandu jkun stabbilit fi 120 000 tunnellati.

Artikolu 3

Għall-perijodu tal-kwota mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2003, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2505/96 għandu jkun emendat kif ġej:

— l-ammont tal-kwota tat-tariffa ta' kwota 09.2904 għandu jkun stabbilit fi 8 500 unitajiet,

— l-ammont tal-kwota tat-tariffa ta' kwota 09.2985 għandu jkun stabbilit fi 400 000 unitajiet.

Artikolu 4

Il-perijodu tal-kwota tat-tariffa ta' kwota 09.2867, li huwa mogħti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2502/96 għandu jkun estiż sal-31 ta' Diċembru 2003.

Artikolu 5

Il-perijodu tal-kwota tat-tariffa ta' kwota 09.2991, li huwa mogħti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2502/96 għandu jkun estiż sat-30 ta' Ġunju 2003.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

---

[1] Il-Proposta tat-12 ta' Mejju 2003 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 345, tal-31.12.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2003 (ĠU L 86, tat-3.4.2003, p. 20).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-16 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

G. PAPANDREOU

ANNESS

Ordni Nru	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Ammont ta' kwota	Dazju tal-kwota (%)	Perijodu tal-kwota
09.2612	ex 2921 59 90	30	3,3'-dichlorobenzidine dihydrochloride	150 tunnellati	3,5	1.7. - tal-31.12.2003
09.2613	ex 2932 99 70	40	1,3:2,4-sa-O-(3,4-dimethylbenzylidene)-D-glucitol	125 tunnellati	3,3	1.7. - tal-31.12.2003
09.2614	ex 7011 20 00	85	Pjanċa bil-wiċċ tal-ħġieġ b'kejl dijagonali maġġuri mit-tarf ta' barra sat-tarf ta' barra ta' 91,8 (± 0,2) cm u li jkollha t-trasmissjoni tad-dawl ta' 78 (± 3) % bil-ħxuna tal-ħIġeia ta' referenza ta' 11,43 cm	100 000 unitajiet	0	1.7. - tal-31.12.2003
09.2615	ex 7934 99 90	70	Aċidu ribonuklejku	55 tunnellati	0	1.7. - tal-31.12.2003
09.2616	ex 3910 00 00	30	Polydimethylsiloxane bi grad ta' polimerizzazzjoni ta' 2 800 unitajiet monomeri (± 100)	650 tunnellati	0	1.7. - tal-31.12.2003
09.2902	ex 8540 11 15	91	Tubu tar-raġġi-katodiċi bil-wiċċ catt, tal-kulur, bir-relattività tal-wiċċ ta' 4/3, b'kejl dijagonali tal-wiċċ ta' 59 cm jew aktar imma li ma jeċċedix 61 cm u b'kurvatura ta' 50 m jew aktar	13 000 unitajiet	7	1.7. - tal-31.12.2003
09.2976	ex 8407 90 10	10	Magni tal-petri four-stroke ta' ċilindrata li ma teċċedix 250 cc, għall-użu fil-manifattura ta' lawnmowers tas-sub-intestatura 8433 11 [a]	650 000 unitajiet	0	ta' l-1.7.2003 - tat-30.6.2004

[a] Kontroll għall-użu ta' dan l-iskop speċifiku għandu jitwettaq permezz tad-disposizzjonijiet relevanti tal-Komunità.